MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1831/2003

**Margaret Falzon**

**vs**

**GasanMamo Insurance Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1200) rappresentanti danni subiti minna fil-vettura proprjeta taghha bin-numru ta' registrazzjoni GAC613, liema vettura kienet assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* bin-numru C-2747501; u wara li l-attrici ressqet *claim* in segwitu ghal incident li sehh fl-10 ta' Dicembru 2002, l-ammont mitlub minnha lis-socjeta konvenuta, gie rifjutat ingustament.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fit-2 ta' Ottubru 2003, fejn gie eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-ammont mitlub mill-attrici huwa ghal kollox ezagerat ghax il-vettura taghha ma kenitx fi stat u kundizzjoni tajba meta sehh l-incident u ghalhekk l-ammont dovut lilha ghandu ikun biss ta' Lm400 u mhux Lm1200 kif qed tippretendi hi, u dana ghar-ragunijiet li sejrin jigu spjegati ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Sema' x-xhieda ta'l-attrici, tas-*surveyor* Joseph Muscat u ta' Max Borg Bonello, *claims negotiator* mas-socjeta konvenuta

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-vettura ta'l-attrici kienet assigurata mas-socjeta konvenuta b'tip ta' polza *fully comprehensive.* Din il-vettura hija tal-ghamla Golf bin-numru ta' registrazzjoni GAC613. Illi fl-10 ta' Dicembru 2002, din il-vettura giet ivvandalizzata minn terzi mhux maghrufa u sar rapport lill-pulizija. Meta hija ressqet il-*claim* mas-socjeta konvenuta u dana sabiex tithallas ghal dawn l-danni abbazi tal-polza ta'l-assigurazzjoni, is-socjeta konvenuta ma reditx thallas l-ammont kollu mitlub minnha ghaliex bdiet issostni illi l-ammont kien esagerat peress illi qabel l-incident, l-vettura diga' ma kenitx f'kundizzjoni tajba.

Illi mid-dokumenti esebiet u senjatament mid-Dokumenti esebiti a fol.17 sa 23 tal-process jirrizulta illi l-attrici qed titlob il-hlas tal-hsara li hija sofriet fis-saqaf, *bonnet* u *mudguard* tal-vettura taghha. Jidher illi ghar-rigward ta' *spray* u *labour* fuq il-vettura dan lahhaq l-ammont ta' Lm690.71, filwaqt illi l-i*spare parts* necessarji ghal bdil tas-

*soft top* tal-vettura lahhqu l-ammont ta’ Lm806.49, izda mill-valur tas-*soft top* u cioe’ dak ta’ Lm609.79, hija kienet lesta li tohrog nofs l-ammont hi sabiex b’hekk hija spiccat titlob l-ammont ta’ Lm1191.92.

Illi mix-xhieda tas-surveyor Joseph Muscat irrizulta illi qabel l-incident il-vettura ta’l-attrici ma kenitx f’xi kundizzjoni perfetta, tant illi anke l-attrici stess tixhed illi l-mudell tal-vettura huwa dak ta’l-1990. Fis-*survey report* tieghu esebiet bhala Dokument JM13, is-*surveyor* osserva s-segwenti: “*Please note poor condition of soft top prior to damage and vehicle body was in need of a re-spray*.” Huwa jixhed illi qabel l-incident is-*soft top* diga kellu xi toqob zghar fih tant illi bil-fors illi l-ilma tax-xita kien jidhol minnu. Rigward l-kundizzjoni ta’l-i*spray*, huwa jikkontendi illi dan ma kienx fi stat tajjeb, izda l-grif li sofriet il-vettura f’dana l-att ta’ vandalizmu ghalkemm hafna minnu kien superficjali u seta’ jitnehha facilment b’xi *polish*, pero’ ohrajn kienu iktar fondi u ghalhekk kien hemm bzonn l-i*spray*.

Illi min-naha tas-socjeta konvenuta jidher illi huma kienu offrew llill-attrici s-somma ta’ Lm400 u dana kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Max Borg Bonello. Dana l-ammont wasslet ghalih, l-istess socjeta konvenuta, billi ikkalkulat nofs il-valur tal-*labour u spray* indikat f is-*survey report* ta’ Joseph Muscat, u il-valur tal-*windscreen*. Is-socjeta konvenuta ma kenitx offriet hlas ghas-*soft top* peress illi dana diga kellu xi toqob qabel l-incident.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi migbura jirrizulta minghajr dubbju illi l-vettura ta’l-attrici ma kenitx f’kundizzjoni perfetta qabel l-incident u diga kellha xi toqob fis-soft top ta’l-istess vettura kif ukoll l-kundizzjoni generali ta’l-ispray kien wiehed hazin. Ma hemmx dubbju lanqas min-naha l-ohra illi l-vettura ta’l-attrici sfat vittma ta’ att ta’ vandalizmu u l-hsara subita kienet wahda vizibbli u estensiva tant illi bil-fors tali hsara kellha tigi irrangata. Illi t-Tribunal huwa l-fehma ghalhekk illi l-obbligu tas-socjeta konvenuta huwa li tqieghed il-vettura fl-istess posizzjoni li kienet qabel l-incident u cioe’

bil-kundizzjoni li fiha kienu jinsabu is-*soft top* u l-ispray tal-vettura. Ghar-rigward tas-*soft top*, ghandu jinghad illi ghalkemm dan ma kienx f'kundizzjoni perfetta qabel l-incident, huwa minnu madankollu illi l-hsara li sehh f'dan l-incident fuq l-imsemmi *soft top* kienet wahda estensiva u ghalhekk l-attrici ghandha tigi ikkumpensata ta' dan. Kwindi ikun gust fic-cirkostanzi illi l-istess socjeta konvenuta thallas nofs il-valur ta' dawn iz-zewg affarijiet u cioe' nofs il-valur tas-*soft top*, kif ukoll nofs il-valur ta'l-i*spray* u il-*labour*, u l-valur fl-intier tieghu tal-*windscreen*.

Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta hija tenuta thallas nofs il-valur tal-*labour* u *spray* kif ukoll nofs il-valur tas-*soft top* li b'kollox iwasslu ghal figura ta' Lm660.85 (Lm540.71 + Lm150 + Lm609.79 + Lm21.21 = Lm1321.71/2 = Lm660.85), kif ukoll il-valur tal-*windscreen* u dana kif jirrizulta mid-Dokument D fl-ammont ta' Lm175.52. Illi s-socjeta konvenuta ghalhekk hija tenuta thallas lill-attrici s-somma ta' Lm836.37.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba attrici, kif ukoll jilqa' parzjalment l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u tletin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm836.37).

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta konvenuta u terz mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------